MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 7/2001/1

**Drive-A-Way Limited**

**vs**

**John Spiteri, Mary Spiteri, Marthese mart Mario Mamo, Philip Sciortino, Dorothy mart Alexander Falzon, Sonia mart Mario Sciberras, Joanne Sciortino, Emanuel Spiteri, Gemma mart Anthony Laferla, Sonia mart Aldo Falzon, Marisa Spiteri, Jacqueline Spiteri, Susanne Spiteri, Alexander Spiteri, Vivienne mart Ronnie Laferla, Alfred Spiteri, Yvonne mart Vincent Borg, Carmel sive Charles Spiteri, Sonia mart Alexander Borg u Guido Spiteri.**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Ottubru, 2002 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Bord,

Ra c-citazzjoni;

Peress illi permezz ta’ sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord tat-28 ta’ Marzu 2001 fil-kawza fl-ismijiet “John Spiteri et vs Drive-A-Way Limited” rikors numru 36B/97, is-socjeta` hemm intimata giet ikkundannata milli tizgombra mill-fond Drive-A-Way Garage gja Spiteri Garage bla numru fi Triq il-Kapuccini, San Gwann.

Peress illi s-socjeta` attrici gja pprezentat citazzjoni sabiex dan l-Onorabbli Qorti jawtorizza li jsir ir-ritrattazzjoni tar-rikors ghar-ragunijiet hemm indikati.

Peress illi dan il-fond ossia garage ta’ “car hire” fejn l-esponenti jiggaraxxja numru sostanzjali ta’ vetturi u parts ta’ vetturi. Illi oltre dan ghandu jinghad illi l-permess mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija huwa mahrug fuq dan il-fond u m’hijiex kwistjoni facli sabiex jinhareg permess fuq fond iehor, billi iridu isiru l-applikazjzonijiet kollha mill-gdid.

Peress illi jekk tigi esegwita s-sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord, l-esponenti mhux ser ikun f’pozizzjoni illi jiggestixxi n-negozju tieghu billi ikun qieghed jopera kontra l-ligi billi huwa rekwizit li jkollu garage bil-permess ta’ care hire.

Peress illi l-esekuzzjoni ta’ din is-sentenza allura sejra tikkaguna aktar pregudizzju lill-esponenti milli lill-intimati billi intrinsikament mhix sejra titbiddel l-posizzjoni legali taghhom.

Peress illi l-esponenti a tenur tal-artikolu 823 (2) u 266(10) tal-Kapitolu 12, huwa tenut illi jaghti garanzija sufficjenti izda billi dan il-kaz huwa wiehed ta’ zgumbrament allura qieghed jitlob dana l-Onorabbli Bord sabiex jidderigih u jaghti l-provvedimenti opportuni.

Jghidu l-konvenuti ghaliex dan l-Onorabbli Bord m'ghandux:

1. Tordna lill-esponenti jaghti dik il-garanzija mehtiega a tenur tal-artikolu 823 (2)(a) u 266(10) tal-Kapitolu 12.
2. Tordna it-twaqqif tas-sentenza moghtija minn dana l-Onorabbli Bord tat-28 ta' Marzu 2001 fil-kawza fl-ismijiet "John Spiteri et vs Drive-A-Way Limited" rikors numru 36B/97.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni mahluf u l-lista tax-xhieda.

Ra s-sentenza tieghu tat-13 ta' Marzu 2002 li biha cahad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut.

Ra l-verbal ta' l-ewwwel ta' Lulju 2002.

Ikkonsidra,

1. Illi din ic-citazzjoni hi dwar twaqqif ta' esekuzzjoni ta' sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-28 ta' Marzu 2001 fir-rikors numru 36B/97 fl-ismijiet inversi u mxiet kontestwalment mac-citazzjoni numru 6/01 fejn intalbet it-thassir tas-sentenza msemmija u s-smiegh mill-gdid tar-rikors 36B/97.

2. Illi b'sentenza moghtija llum fic-citazzjoni 6/01 il-Bord cahad talba ghat-thassir tas-sentenza u smiegh mill-gdid tar-rikors relattiv billi l-azzjoni attrici ma tistax tregi ghax tmur kontra l-art 812 tal-Kap 12 ghar-ragunijiet hemm imsemmija li l-Bord m'ghandux ghalfejn itenni.

Ghalhekk il-Bord jichad it-talba tas-socjeta` attrici, ghat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tat-28 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet "John Spiteri et vs Drive-A-Way Limited (rikors 36B/97). L-ispejjez barra dawk diga` decizi, thallashom is-socjeta` attrici."

Minn din is-sentenza moghtija mill-Bord, appellat is-socjeta` attrici bl-aggravju illi dan l-appell taghha, gjaladarba hu allaccjat mal-appell l-iehor taghha tal-meritu proprju tar-ritrattazzjoni, ghandu jigi deciz kontestwalment ma' dak l-iehor.

Huwa car illi l-meritu tal-kawza de quo quddiem il-Bord, ghalkemm strettament mhiex dipendenti mill-kawza l-ohra ghall-ezitu taghha, eppure gjaladarba z-zewg kawzi gew decizi flimkien issa f'dan l-istadju inoltrat din il-Qorti ma tistax hlief tirrikonoxxi dan l-istat ta' fatt.

Issa kontestwalment ma' dan l-appell din il-Qorti ghall-motivi hemm dedotti rrespingiet l-appell interpost fil-kawza ta' ritrattazzjoni fl-istess ismijiet (6/01). Il-konsegwenza ta' din ic-cahda ma tistax hlief iggib, b'logicita`, c-cahda wkoll tal-appell odjern interpost.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu a karigu tas-socjeta` appellanti. Dawk tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------